MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 990/1998/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Mejju 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Novembru 1982 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal minuri Tiziana ta' erbatax-il (14) sena u Carmen ta' tnax-il (12) sena;

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta' eccessi, theddied, mohqrija u ngurji gravi b' mod li rrendiet il-hajja konjugali mpossibbli;

Illi z-zwieg issa tkisser irrimedjabilment;

Illi b'digriet moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 1998 (digriet numru 288/98), din l-imsemmija Qorti, interalia, awtorizatat lill-attur jipprociedi bil-kawza ghas-separazzjoni u fdat il-kura u kustodja ta' ulied il-kontendenti f' idejh;

Illi ll-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara separazzjoni personali bejn il-kontendenti b' tort unikament tal-konvenuta;

2. Tafda f'idejn l-attur il-kura u kustodja tat-tfal minuri Tiziana u Carmen;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tifissa ghall-ulied minuri fuq imsemmija;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li tinqasam f' zewg partijiet mhux neccessarjament ugwali b' tali mod li jekk ikun il-kaz il-konvenuta titlef kull jhedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attur;

6. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez inkluzi dawk li tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta mil-llum ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 2 ta' Marzu 1999 l-kawza giet appuntata l-ewwel darba ghas-smiegh ghall-14 ta' Mejju 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 26 ta' April 1999, a fol. 9, fejn eccepit bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b' tortijiet imputtabbli lill-attur *oltre* illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment u dana ghas-segwenti ragunijiet:

a) Illi z-zwieg tkisser minn meta l-attur beda jaghmilha ma' habib u ddecieda li jmur jghix mieghu u ghadu jghix mieghu sa llum;

b) Illi hija tilfet id-dritt tal-manteniment u anke tal-kura u kustodja taz-zewg uliedha mhux ghax mhix omm tajba izda ghax bil-manuvri tal-attur li ra kif ghamel u fis-Sekond' Awla pprezenta certifikati medici minghajr ma dawn gew sostanzjati mill-istess tabib li harighom;

c) Illi l-attur jabbuza minn martu li wara li hadmet fil-hanut li kellhom huwa ghamel hafna dejn fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti sabiex ikun jista' jissellef fuq il-kumpanija li ghandu ma' siehbu li jisimha BG Catering Company Limited;

d) Illi l-kawza tal-ksur taz-zwieg kien l-attur stess meta ddecieda l-habib jigi qabel martu u meta beda jiddejjen fuq is-socjeta' hawn fuq imsemmija minghajr ma jaghti rendikont lill-martu l-konvenuta tal-qliegh ta' l-istess socjeta', tant li sabiex ma jaghtix manteniment lil martu qed jippoza ta' wiehed unemployed u li qed jghix bir-rilief;

e) Illi l-konvenuta li kien ghaliha kienet tirranga barra l-Qorti u sahansitra kienet offriet lill-attur li hija tiehu xi propjeta' izda l-attur baqa' jinsisiti li d-dejn li huwa ghamel dejn tat-tnejn u m' ghandha tiehu ebda kumpens la mis-socjeta' li taghha huwa shareholder u lanqas ta' kemm damet impjegata;

2. Illi salvi eccezzjonijiet ohra;

Bil-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol.10 u fol. 11 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** rikonvenjenta, datata 26 ta’ April 1999, a fol. 11 fejn qalet bil-qima:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta’ Novembru 1982 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt iftal Tiziana ta’ erbatax-il (14) sena u Carmen ta’ tnax-il (12) sena;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli u dana minhabba servizzi eccessi, ingurji da parti ta’ l-attur rikonvenzjonat *oltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi l-attur rikonvenzjonat amministra hazin il-komunjoni ta’ l-akkwisti tant li dahal ghal hafna dejn *in parte* sabiex waqqaf is-socjeta’ BG Catering Company Limited minghajr ma qatt ta rendikont ta’ xejn lill-martu konvenuta tal-qliegh u telf ta’ din is-socjeta’ kif ukoll naqas li jhallas hafna minn dejn li huwa ghamel;

Illi l-konvenuta qed tipprevali ruhha mill-jedd illi tipprocedi f’ din l-istanza wara l-awtorizazzjonali mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Mazu 1998 hija qed tressaq it-talbiet taghha ghas-separazzjoni personali kontra l-istess zewgha rikonvenzjonat skond il-ligi;

Illi l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronuzja s-separazzjoni personali bejn il-kontenuti konjugi Gafa ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-attur rikonvenzjonat u minhabba wkoll illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Tiziana u Carmen f’ idejn ommha. Il-konvenuta salv access favur l-

attur rikonvenzjonat li ghandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti skond l-ahjar interess tal-imsemmijjin minuri jew fin-nuqqas illi tinghata kustodja kongunta bejn il-kontendenti;

3. Tikkundanna lill-attur rikovenzjonat ihallas lill-attrici retta alimentarja adegwata ghaliha w uliedhom minuri Tiziana u Carmen;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat responsabbli ghad-dejn li huwa ghamel fil-komunjoni ta’ l-akkwisti u tikkundannah ihallas l-istess;

6. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat id-disposizzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 44 u 55A tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 13.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 17 ta’ Frar 1999 fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex:

1. Tahtar psikologista sabiex tirrelata dwar:
a) l-ambjent li qed jitrabbew il-minuri fid-dar ta’ missierhom u l-habib tieghu;
b) taghmel rakkomandazzjonijiet jekk hux fl-interess tal-minuri li jibqghu jghixu ma’ missierhom, li jibqghu taht il-kura u kustodja tieghu;
c) u jekk le, ttirrakomanda l-hinijiet u l-granet li dawn ghandhom ikunu d-dar ta’ ommhom ;

2. Tiffissa immedjatament il-manteniment ghaliha;

3. Kemm-il darba din il-Qorti, wara li tara r-rapport tal-psikologista, jidhrilha li l-kura u kustodja ghandha tinghata

lir-rikorrent, tiffissa r-retta alimentarja ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri Tiziana u Carmen Gafa.

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri datat 12 ta' Marzu 1998 fejn l-istess Qorti b'Digriet Numru 288/98 fuq rikors ta' l-attur datat 18 ta' Novembru 1997, ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri jghaddu ghand il-missier b'access ta' l-omm skond kif jiftehmu l-partijiet u cahdet it-tielet talba ghall-manteniment ta' l-attur mill-komvenuta, kollox kif jidher a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal datat 28 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti kif presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors (1) tal-konvenuta tas-17 ta' Frar 1999 *stante* c-cessjoni tieghu b'nota ta' cessjoni ta' Dr. Anna Mallia ghall-konvenuta datata 30 ta' Settembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat datata 13 ta' Mejju 1999, a fol. 15, fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi huwa jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali pero' ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda u l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri tibqa' fdata f' idejn l-eccipjent u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Illi konsegwentement it-tielet talba ghandha tigi michuda, ghal dak li jirrigwarda manteniment lill-martu din tilfet id-dritt ghall-manteniment *oltre* l-fatt li l-eccipjent m' ghandux imantni lill-martu;

4. Illi l-eccipjent jaqbel mar-raba' talba;

5. Illi l-hames u s-sitt talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

6. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 16.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 14 ta’ Mejju 1999, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi b’dan li l-partijiet kellhom jaghmlu lista ta’ l-assi u tad-djun.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-14 ta’ Ottubru 1999, fejn il-Qorti ssolecitat lill-Assistenta Guduzzjarja Dr. Mariella Gonzi sabiex tesegwixxi l-inkarigu taghha u gie miftiehem li kien hemm bzonn nomina ta’ perit tekniku biex jaghmel stima tal-proprjeta’. Il-Qorti nnominat lil AIC David Pace bhala perit tekniku u dwar ir-rikors ta’ l-attrici datat 7 ta’ Settembru 1999 irriservat li tipprovdi kameralment.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 16 ta’ Marzu 2000 fejn dehret biss Dr. Anna Mallia li nformat lill-Qorti li hemm seduta ffissata ghall-10 ta’ April 2000.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Tekniku David Pace fis-7 ta’ Dicembru 1999 u fis-16 ta’ Dicembru 1999.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenuta datat 7 ta’ Settembru 1999, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tahtar:

a) *social worker* sabiex tisma l-partijiet u tirrelata dwar il-kura u kustodja tat-tfal wara li tisma’ lill-partijiet u lill-istess tfal u tiffissa l-granet u hinijiet tal-access;

b) jigi ffissat manteniment lilha anke mill-qliegh versat lilu mill-kumpanija, jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 21 ta’ Dicembru fejn giet nominata social worker ta’ l-SWDP, u d-digrieti kollha l-ohra ta’ l-istess Qorti diversament presjeduta u r-rapport tas-*social worker* Yvonne Mallia.

Rat ir-rikors (3) tal-konvenuta datat 14 ta’ Marzu 2000.

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Marzu 2000 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ordnat li jkun hemm access b’supervizzjoni mit-Taqsima ghal-Harsien tat-Tfal.
Rat ir-rapport ta’ Katya Vella u Rosanne Cassar datat 2 ta’ Mejju 2000 fejn gie ssugeriet access b’supervizzjoni ghall-omm u fejn gie suggerita ghajnuna psikologika ghall-omm, terapija ghal ulied u li l-missier jiehu xi forma ta’ ghajnuna bhal *counselling,* b’dan li rrakomandat li l-minuri stess ghandhom l-eta’ li jaghzlu fejn joqghodu u l-kura u l-kustodja tigi fdata f’idejn iz-zewg genituri u jigi evitat tilwim fil-presenza tat-tfal.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Lulju 2000 fejn din il-Qorti diversament presjeduta kkundannat lill-attur l-ammont ta’ Lm100 bhala multa u disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti minhabba *“intransigenza totali tax-xhud fir-risposti tad-domandi u wara li gie mwissi kemm-il darba mill-Qorti”* u wara li semghet ix-xhieda taz-zewg partijiet ir-rikors gie mholli ghall-provediment ghall-1 ta’ Settembru 2000.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 11 ta’ Settembru 2000 fejn jirrizulta li l-minuri kienu qed jirrezistu lil ommhom anke minhabba l-attitudini tal-missier u l-istess Qorti addottat ir-rapport ta’ l-istess social workers u cahdet it-talba ghall-manteniment *pendente lite* peress li l-attur ma’ kienx qed jahdem u l-konvenuta kienet qed tahdem *part-time.*

Rat ir-rikors (1) tal-attur, datat 7 ta’ April 2000 fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tawtorizza l-hrug ta’ passaport gdid f’ isem il-minuri Tiziana Gafa’ ta’ sittax-il (16) sena.

Rat id-digriet datat 4 ta’ Mejju 2000 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-rikors (3) tal-konvenuta datat 17 ta’ Mejju 2000, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti tordna lir-rapprezentati tal-HSBC Bank, tal-Lombard Bank, tal-Bank of Valletta, tal-APS, tad-Dipartiment tal-Licenzji tal-vetturi u tac-Chairman tal-Employment Training Corporation jirrilaxxaw

l-informazzjoni rikjesta mill-konvenuta, *stante* li tali informazzjoni tikkoncerna l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Rat id-digriet datat 29 ta' Mejju 2000, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attur datata 8 ta' Mejju 1990.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 1 ta' Gunju 2000 il-Qorti laqghat ir-rikors datat 7 ta' April 2000 u awtorizzat il-hrug ta' passaport gdid f' isem il-minuri Tiziana Gafa'.  Il-Qorti laqghat ukoll ir-rikors datat 17 ta' Mejju 2000.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenuta datat 1 ta' Gunju 2000, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joghgobha tordna lil A' sabiex jonora bid-digriet tal-24 ta' Marzu 2000 u tordnalu li jibghat lit-tfal sabiex jiltaqghu ma' ommhom u takkorda f' dan l-istadju lill-esponenti l-kura u kustodja tal-minuri kongunta flimkien ma' A'.

Rat il-verbal datat 4 ta' Dicembru 2000 fejn il-Qorti astjenit milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dan ir-rikors *stante* c-cessjoni tieghu permezz ta' nota ta' Dr. Edwina Grima ghan-nom tal-konvenuta datata 4 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 4 ta' Dicembru 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 18 ta' Gunju 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li kien hemm seduta ffissata ghall-11 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota tal-konvenuta **B** datata 3 ta' Lulju 2001 li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u diversi dokumenti.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 17 ta' Settembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 18 ta’ Ottubru 2001, a fol. 125, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ **Emanuela Bonanno**.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 31 ta’ Awissu 2001, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex galadarba l-konvenut ma jridx li tinbiegh l-propjeta’ sabiex jithallas id-dejn tordnalu li jiffirma t-*transfer form* sabiex il-meter tad-dawl tal-fond fejn tirrisjedi hija jigi registrat fuq isimha, anke thallas l-arretrati minn meta bdiet tabita wahedha fl-istess fond.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Settembru 2001, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ A a fol. 136 u fol. 137 fejn oppona ghall-istess talba ghaliex sostna li d-dawl gie maqtugh ghaliex kien hemm kont ta’ Lm5,000 ma’ l-Enemalta fuq is-supermarket.

Rat id-digriet datat 28 ta’ Jannar 2002, fejn il-Qorti kif presjeduta laqghat it-talba w ordnat lill-intimat sabiex fi zmien jumejn (2) minn notifika lilu ta’ l-istess digriet jiffirma t-*transfer forms* relattivi, li formola taghhom ghandhom jigu notifikati lill-intimat man-notifika ta’ dan id-digriet u fin-nuqqas li ssir tali firma mill-intimat fit-terminu fuq indikat, kellu jigi nominat bhala kuratur deputat lill-Avukat Mark Chetcuti ghall-intimat sabiex bhala kuratur deputat tal-intimat jiffirma huwa l-istess transfer *forms relattivi* tal-Enemalta, b’dan il-pendenza dwar id-dejn tal-komunjoni nkluzi l-kontijiet tad-dawl u ilma fuq is-supermarket kellu jibqghu in pregudikata bejn il-partijiet, pendenti l-ezitu tad-decizjoni finali fil-kawza bejn il-partijiet, giet ordnata n-notifika ta’ dan id-digriet lill-kontro-parti u lic-Chairman tal-Enemalta, kollox a spejjez tal-intimat.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta datat 22 ta' Frar 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghal-21 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal datat 21 ta' Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa tlett seduti ghall-provi kollha li kien fadal tal-konvenuti.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenuta datat 27 ta' Mejju 2002, fejn talbet bir-rispett lill-Qorti biex joghgobha tawtorizzaha u tordna lil George Muscat jew l-accountant tas-socjeta' BG Catering Equipment Company Limited jesibixxi l-accounts ta' l-istess socjeta' kemm dawk audited u kemm dawk li ma humiex u lill-Kummissarju tal-VAT jesibixxi r-returns ta' l-istess socjeta'.

Rat id-digriet datat 28 ta' Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-talba b' jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attur datata 16 ta' Settembru 2002.

Rat id-digriet datat 16 ta' Settembru 2002 mill-Onorevoli Imhallef Joseph Filletti, fejn *in vista* tal-kontenut tar-risposta oppozitorja tal-kontro-parti, ordnat il-konvenuta tiddikjara jekk ghandhix xi haga tirrispondi dwar il-punti mqanqla fl-istess risposta w irriservat li tipprovdi in definittiva ulterjorment.

Rat id-digriet datat 22 ta' Ottubru 2002, fejn fic-cirkostanzi laqghat l-ewwel talba ghall-produzzjoni tax-xhud George Muscat u cahdet it-tieni talba ghall-produzzjoni tal-Kummissarju tal-VAT.

Rat ir-rikors (5) tal-konvenuta datat 11 ta' Settembru 2002, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti, fejn filwaqt li ghamlet referenza ghad-digriet tat-28 ta' Jannar 2002, sabiex tordna lil Enemalta sabiex tissuplixxi lir-rikorrenti bis-servizz tad-dawl fir-residenza taghha li tinsab f' Dolphin Flats, Triq il-Mazzola Bugibba, San Pawl il-Bahar.

Rat id-digriet datat 13 ta’ Settembru 2002, fejn gie ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lil Enemalta li jkollha tlett (3) ijiem ghal fini ta’ risposta.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat id-digriet datat 4 ta’ Ottubru 2002, fejn gew ordnati n-notifiki tar-rikors, tad-digrieti kollha, tar-risposta tal-Enemalta u tal-atti kollha tar-rikors u lill-kontro-parti jkollha jumejn zmien biex tirrispondi.

Rat ir-risposta tal-konvenuta.

Rat id-digriet datat 15 ta’ Frar 2005, fejn il-Qorti astjent milli tiehu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors hawn indikat *stante* li dan kien gie attwalment sorvolat kif ddikjarat Dr. Anna Mallia li rtirat l-istess rikors.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Novembru 2002, fejn inghata digriet affidavit attrici b’ terminu ta’ erbghin (40) jum.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 5 ta’ Dicembru 2002, a fol. 159A.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Gunju 2003, fejn il-kawza giet differita.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Dr. Mariella Gonzi fit-3 ta’ Dicembru 2002 fejn xehdet **Dr. Anna Mallia**, fl-4 ta’ Frar 2003 fejn xehed **George Muscat**, fl-24 ta’ Marzu 2003, fl-24 ta’ Gunju 2003 u fl-10 ta’ Settembru 2003 fejn xehdet **B**.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 2003, fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li kien ghad jonqos biss il-kontro-ezami ta’ omm l-attur. Id-difensuri gew avzati li l-Qorti esigit li qabel il-kawza tmur ghas-sentenza, kull parti tipprezenta l-pretensjonijiet taghha b’ mod car u konciz b’ referenza diretta ghall-atti processwali specjalment ghall-volum ta’ dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 10 ta’ Dicembru 2003, fejn illi peress li l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi harget bil-*maternity leave* l-konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex tinomina Assistent Gudizzjarju iehor.

Rat id-digriet datat 12 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u ssostitwit lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi b’ Dr. Vincent Galea.

Rat ir-rikors tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datat 10 ta’ Dicembru 2003, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tezentha mill-inkarigu taghha f’ dik il-kawza.

Rat id-digriet datat 12 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u ssostitwit lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi b’ Dr. Vincent Galea.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fl-10 ta’ April 2000, fis-16 ta’ Mejju 2000, fil-15 ta’ Gunju 2000 fejn xehdu **Paul Bezzina**, **Anthony Bonello** u **Jose’ Abela**, fil-21 ta’ Lulju 2000 fejn xehdu **AAgius**, **Silvio Decelis**, **Joe Buttigieg**, **Mr. George Borg**, **Brian Farrugia**, **Adrian Borg**, **Dr. Mark Sammut** u **Paul Gambina**, fil-21 ta’ Frar 2001, fis-19 ta’ April 2001, fil-31 ta’ Lulju 2001 fejn xehed il-**PL Jonathan de Maria**, fil-21 ta’ Awissu 2001 fejn xehed **James Farrugia**, fis-17 ta’ Settembru 2001, fil-25 ta’ Ottubru 2001 fejn xehdu B u Moira Schembri u fit-22 ta’ Frar 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 3 ta’ Frar 2004, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tharrek li zewg xhieda godda, liema xhieda kienet saret taf bihom ricentament.

Rat id-digriet datat 5 ta’ Frar 2004, fejn intlaqat it-talba.

Rat il-verbal datat 11 ta’ Frar 2004, fejn il-kawza giet differita.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fis-19 ta’ Mejju 2003 fejn xehed **George Muscat** u fil-31 ta’ Ottubru 2003 fejn xehed **A**.

Rat il-verbal datat 6 ta' Mejju 2004, fejn Dr. Anna Mallia prezentat nota b' dokumenti. Id-difensuri qablu li l-Perit Tekniku David Pace kien halef ir-relazzjoni u li l-provi kienu maghluqa. Dr. Doreen Clarke prezentat nota dwar il-pretensjonijiet taghha. Dr. Anna Mallia kellha tirrispondi fejn taqbel u fejn ma taqbilx.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku David Pace minn fol. 384 sa fol. 397 datat 27 ta' Jannar 2000.

Rat in-nota ta' pretensjonijiet tal-attur minn fol. 398 sa fol. 400.

Rat in-nota tal-konvenuta minn fol. 401 sa fol. 416.

Rat il-verbal datat 14 ta' Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal datat 15 ta' Frar 2005, fejn Dr. Anna Mallia rrtirat ir-rikors tal-11 ta' Settembru 2002, *stante* li kien gie sorvolat. *In vista* ta' dan il-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors.

Rat il-verbal datat 9 ta' Marzu 2005, fejn Dr. Doreen Clarke nfurmat lill-Qorti li kien hemm neqsin mill-process it-*transcripts* tax-xhieda mizmuma fis-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex minufih jinserixxi l-istess xhieda fil-process. Dr. Doreen Clarke rrilevat li l-fond "Cosy Spot", Triq it-Turisti, Bugibba nbiegh wara l-proceduri mibdija mill-BOV biex gie sodisfatt il-kreditu li kien hemm il-BOV kontra s-socjeta' BG Catering Ltd.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fil-15 ta' Marzu 2004, fit-30 ta' Marzu 2004 fejn xehdet **Maria Rose sive Rosina Gafa** u fis-26 ta' April 2004 fejn xehdu **William Pomroy** u l-attur **A**.

Rat il-verbal datat 9 ta' Gunju 2005, fejn Dr. Doreen Clarke talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-

Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2005.
Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fis-6 ta’ Novembru 1982 pero’ issa ilhom li sseparaw fattwalment mis-sena 1997 minn meta l-attur qabad u telaq mid-dar konjugali peress li huwa sostna li ma’ setghax jiflah iktar l-inkwiet li skond huwa bdiet taqlalhu l-konvenuta.

Illi jidher mill-provi prodotti u minn volum ta’ dokumenti esebiti li ghall-ewwel l-partijiet kellhom hanut tal-grocer Marsaxlokk li wellewh u xtraw art bih il-Madliena. L-attur kien jaghmel ukoll xi xoghol ma’ Petroni u l-partijiet jidher li kienu kostretti li jiehdu l-hanut lura ghaliex ix-xoghol kien sejjer hazin, u fil-fatt hekk gara izda trasferew l-istess negozju u minflok fethu hanut Bugibba bhala ACTC Supermarket fi Triq is-Sajjieda, hanut li huma xtraw u kien qed jitmexxa principarjament mill-konvenuta, tant li fix-xhieda jinghad li kienet taghti ma’ l-Lm1,000 fil-gimgha lill-attur sabiex l-istess ikun jista’ jhallas d-dejn li rrizulta li l-attur dahal fih f’din il-kawza, anke minhabba negozji ohra li saru minnu ma’ terzi, hekk kif irrizulta mill-atti processwali u ser jigi ndikat iktar il-quddiem f’din id-decizjoni.

Illi jidher li ineffetti l-attur ghamel negozju ma’ certu Norman Buttigieg u bejniethom iffurmaw is-socjeta’ BG Catering Co. Ltd ghall-*catering equipment,* liema socjeta’ kienet tiggestixxi n-negozju taghha minn fond fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar u din is-socjeta’ allegatament mill-konvenuta kellha dejn ta’ sittin elf lira Maltija (Lm60,000) u *overdraft* ta’ sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) mal-banek. Allegazzjoni li bl-ebda mod ma’

giet kontradetta mill-attur, anzi jidher li minhabba dan id-dejn anke msemmi fin-nota tal-pretensjoni tal-konvenuta, l-koppja prezenti kellha tbiegh proprjeta' tal-komunjoni sabiex tissodisfa tali debiti, wara li jidher li l-istess attur waqaf jopera bl-istess socjeta'.

Illi dwar din l-intrapriza l-konvenuta tghid li l-attur qatt ma' ta informazzjoni ta' xejn, u din il-Qorti thoss li fil-verita' din it-tattika giet uzata kontinwament mill-attur f'din il-kawza, fejn huwa ipprova kemm jiflah ikun evasiv dwar dawk li huma d-dettalji tan-negozju kollu li kien qieghed igesti. Dan jirreferi ghal negozju li l-istess socjeta' setghet ghamlet tul dawn is-snin kollha. Ovvjament id-debiti li giet moghbbija l-kumpanija bihom gew indikati mill-istess attur, u ma jidhirx li sar xi sforz mill-attur sabiex jimminimiza tali debiti.

Illi dan fil-fehma tal-Qorti japplika kemm ghal dak rigwardanti l-istess socjeta' BG Catering Limited, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-gestjoni tal-hanut maghruf bhala ACTC Supermarket mill-mument li inha lura f'idejh, tant li jirrizulta li wara li l-attur telaq mid-dar konjugali u beda jghix fattwalment separat minn martu u anke waqt il-pendenza ta' dawn il-proceduri ta' separazzjoni, huwa b'decizjoni unilaterali tieghu wara li telaq mid-dar fis-sena 1997, l-ewwel waqqaf lill-konvenuta milli tkompli tmexxi l-istess hanut u mbaghad qabad u ghalaq il-hanut ACTC Food Store, u llikwida l-assi ta' l-istess inkluz makkinarju u stokk, minghajr qatt ma' ikkonsulta mal-konvenuta, minghajr il-kunsens taghha, u minghajr ma' offra xi rendikont serju ta' dan l-operat tieghu.

Illi minkejja li ghamel dan kollu l-attur qatt ma' offra l-ebda spjegazzjoni u wisq inqas informazzjoni u dettalji serji dwar il-mod li huwa llikwida l-istess negozju, u in verita' kull ma' jirrizulta huwa li jidher li huwa biegh kull ma' kien hemm fl-istess hanut inkluz l-istokk tieghu, b'dan li ghalaq l-istess negozju, f''mument meta huwa kien gja issepara *de facto* minn mal-konvenuta, u dan sar, kif qed jigi enfassizzat, bla ma ta ebda sodisfazzjon lil martu u wisq inqas ikkonsulta maghha jew b'xi mod ottjena l-kunsens taghha.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li minkejja li huwa kien ghaddej bi proceduri ta' separazzjoni, l-unika haga li l-istess attur allega dwar l-istess negozju u allura kull ma' ghamel f'din il-kawza dwar l-istess, kien biss li indika dak li skond huwa kien hemm bhala dejn fl-istess hanut, (ovvjament fiz-zmien meta huwa ddecieda li jaghlqu u meta allura kien qed jigi gestit minnu) bla ma ta l-ebda rendikont ta' kif u b'kemm iddispona mill-istokk u l-makkinarju tieghu u dan permezz ta' dokumenti relattivi. Minkejja li l-attur kellu diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan huwa dan naqqas ghal kollox li jaghmlu.
Illi f'dan il-kuntest huwa interessanti u sintomatiku li l-attur jghid li huwa kien ghamel investiment qawwi fl-istess hanut anke minn flus li huwa allega li wiret fl-ammont ta' Lm11,666, izda x'sar minnu dan l-investiment kollu ta' makkinarju gdid huwa ghal kollox misteru ghaliex l-attur jghid li jiddispona mill-istess bla ma ta ebda spjegazzjoni kif u b'kemm saru dawn it-transazzjonijiet kummercjali.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti minn dan kollu tidher cara u manifesta l-intenzjoni u l-mira ta' l-attur li jzarma dak li kellu valur fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti sabiex fuq kollox iwegga u jippregudika l-interessi tal-konvenuta fl-istess, atti li l-attur konsistentement baqa' jaghmel tul din il-kawza kollha, bla ebda tentattiv li jaghti spejgazzjoni plawsibbli u dettalji serji ta' l-istess operat tieghu. B'dan li bl-ebda mod ma jista' jinghad li huwa b'xi mod issodisfa l-oneru ta' prova li kien jinkombi lilu fuq dak minnu allegat.

Illi din il-Qorti fil-fatt thoss li mill-provi kollha prodotti, u wara li din il-Qorti ezaminat il-process voluminuz kollu bir-reqqa dovuta lil kawza ta' dan it-tip, u wara li kellha l-okkazjoni li tinnota wkoll il-komportament ta-partijiet f'din il-kawza, thoss li gie ampjament ippruvat li l-istess attur kien konsistentement qed jagixxi kemm qabel u wkoll waqt din il-kawza, inkluz waqt il-proceduri kollha ta' separazzjoni, sabiex kemm jista' jkun jghabbi l-komunjoni ta' l-akkwisti b'dejn b'dan li allura jkun qed jippregudika serjament l-interessi tal-kontro-parti fl-istess u din fuq kollox jidher u jirrizulta li din kienet il-mira konstanti ta' l-attur, manifestata bil-mod kif mexa bih tul dawn il-

proceduri kollha, u wkoll fi proceduri ohra li gew istitwieti kontra l-partijiet u s-socjeta' li fiha l-attur huwa parti, minn diversi kredituri, nkluzi mill-Kummissarju tal-VAT, fejn l-attur mhux biss ma' kkontestax il-valur mitlub ta' taxxa, izda adirittura ma' pprovdiex dokumenti lill-konvenuta sabiex tkun tista' tikkontesta l-istess pretensjoni (dan meta l-proceduri saru kontra taghha ghaliex il-VAT No. baqa' fuq isimha), kif ukoll li naqas li jhallas diversi kontijiet tad-dawl u ilma lill-Enemalta fuq l-istess hanut, b'dan li halla li l-istess ammont jitla' ghas-somma ta' Lm7,340.53 (dwar dan hemm ukoll kawzi pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) – dan f'negozju li l-attur stess jammetti li meta kien qed jigi gestit mill-konvenuta kien qed jircievi minghandha Lm1,000 fil-gimgha sabiex ihallas id-dejn tieghu u anke kredituri ohra ta' l-istess hanut. Fil-fatt bizzejjed wiehed isemmi bhala ezempju l-ammont ta' elf, u hamsa u tlettin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmi (Lm1,035.26) li l-attur halla bhala dejn ma' certu John Pullicino ghall-hobz u elfejn, erba' mija u disa' u disa' u disghin lira Maltija (Lm2,499) dovuti lill-Kummissarju tal-VAT (vide decizjoni mill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud Numru 63/97 – fol. 100 tal-process) somma li giet imnaqqsa biss ghaliex l-konvenuta ghamlet l-appell quddiem l-istess Bord minkejja l-intransigenza ta' l-attur fir-rigward taghha – izda pass li kellha taghmel peress li minkejja li l-istess hanut spicca jigi gestit mill-attur huwa halla n-numru tal-V.A.T. fuq isimha, b'dan li hija thalliet taqdef wahidha fuq l-istess.

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku wkoll li din il-Qorti kif differsament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo kienet irrimarkat dwar il-mod evasiv li l-istess attur kien wiegeb ghad-domandi tad-difensur tal-kontro-parti, tant li fil-fatt kienet sabitu hati seduta *stante* ta' disprezz lejn l-Awtorita' Taghha u anke kkundannatu jhallas multa (li wara giet revokata fuq rikors ta' l-attur); mhux hekk biss izda l-attur kien anke offensiv ghall-aktar minn darba lejn id-difensur tal-konvenuta meta huwa kien qed jigi mistoqsi dwar kif iddispona mill-assi tal-komunjoni, dwar l-istess dejn u dwar l-introjtu tieghu, kollha referenzi li jinsabu wkoll verbalizzati kemm b'noti mid-difensur tal-konvenuta u wkoll mill-verbali tas-seduti quddiem l-Assistenti

Gudizzjarji, u kif l-istess gew indikati minn nota tal-konvenuta datata 28 ta' Lulju 2004.

Illi dwar is-socjeta' BG Catering Limited jirrizulta wkoll li s-sitwazzjoni kienet ukoll wahda gravi minhabba l-attitudini ta' l-istess attur, li huwa azzjonista ta' l-istess, tant li din l-istess socjeta', li l-istess attur kellu ma' terzi, kellha dejn ta' sitta u tmenin elf lira Maltija (Lm86,000) mal-HSBC (Bank) Malta p.l.c. u minhabba f'hekk l-art li l-istess kontendenti kellhom il-Madliena (liema art giet deskritta fir-rapport peritali tal-Perit Tekniku David Pace) giet mibjugha sabiex taghmel tajjeb ghall-istess dejn kif jidher mill-kuntratt pubbliku datat 14 ta' Frar 2001 fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi – Dok. "IGI" – fol. 117 tal-process.

Illi fil-mori tal-kawza u minhabba l-istess dejn li s-socjeta' kellha mas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' mill-inqas tnax il-elf, erba' mija u disa' liri Maltin u seba' u erbghin centezmu (Lm12,409.47), liema ammont gie anke kannonnizat b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef wara c-citazzjoni Numru 1710/2001/JRM deciza fl-4 ta' Novembru 2002 u ammessa mill-attur, skond verbal datat 5 ta' Marzu 2005, l-fond bl-isem "Cosy Spot" li l-istess socjeta' kellha fi Triq it-Turisti, Bugibba inbiegh wara proceduri mibdija mill-istess bank sabiex jigi sodisfatt tali kreditu tieghu, ghalkemm l-attur ghal darba ohra naqas li jesebixxi dokumenti formali dwar l-istess.

Illi apparti dan kollu jirrizulta li ghal dak li huma relazzjonijiet tieghu mal-konvenuta jidher li l-attur qabel ma' telaq mid-dar konjugali kien assultament jippreferi li jafda kollox ma' dawk li huwa jiddiskrivi bhala hbieb tieghu u kien beda gja jahbi mill-konvenuta, tant li l-inkwiet beda minhabba l-problemi finanzjarji li l-istess attur dahal fihom b'din l-assocjazzjoni tieghu ma' terzi u wkoll minhabba certu hbiberija li huwa stabilixxa ma' certu Ganni Borg, u anke t-terminazzjoni ta' mpjieg ta' persuna mill-hanut jew supermarket tal-kontendenti, tant li tali maniggi ma' terzi *da parte* ta' l-attur kienu l-kawza principali tal-firda ta' din il-koppja, tant li fis-sena 1997 l-istess attur telaq mid-dar konjugali ghaliex qal li ma setghax jissaporti izjed lill-

konvenuta u ma' halliex lill-konvenuta tmexxi izjed il-hanut u dahal imexxih huwa flimkien mal-mara ta' Norman Buttigieg kollox kif fuq deskritt, pero' wara ftit gimghat ghalaq il-hanut u biegh kollox bl-istokk u l-makkinarju kollu bla ma qal xejn lill-konvenuta (stokk li l-konvenuta tallega li kien jiswa Lm50,000).

Illi dan ma kienx bizzejjed izda jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess attur ghamel minn kollox sabiex influwenza lit-tfal biex jmorru jghixu mieghu u fil-fatt hekk gara, tant li l-istess tfal jirrizulta mill-atti tal-kawza li gew inkorraguti minn missierhom stess sabiex kemm jista' jkun jevitaw lill-ommhom, tant li l-istess kliem tal-attur ma' uliedu kien tali li wasslu lill-istess ulied il-kontendenti sabiex ghal zmien konsiderevoli jirrifjutaw li jaraw lil ommhom. Din il-manupilazzjoni ta' l-ulied jirrizulta li sehhet principarjament minhabba l-agir konstanti u influwenti ta' l-attur ma' uliedu, kif jirrizulta anke mir-rapport tas-*social workers* inkarigati mill-Qorti diversament presjeduta u anke mid-digriet tal-Qorti wkoll diversament presjeduta; dan anke wara li jidher li l-attur kien wieghed lill uliedhu diversi oggetti u li jkun iktar liberu fil-punt ta' hrug taghhom apparti li kien qed juza kull opportunita' sabiex bi kliemu jiskura kemm jiflah lill-konvenuta bhala omm l-istess ulied.

Illi l-attitudini partikolarment ta' l-attur kienet ta' hsara kbira ghall-istess minuri u dan iktar u iktar meta jidher car li l-attur f'dan il-kaz uza lill-istess minuri sabiex jimpika ma' ommhom, u fil-fatt irnexxilu li jimpedixxi lill-omm milli jkollha kuntatt regolari ma' wliedha u kkawza hsara kbira lill-istess ulied, illum maggoreni, apparti dannu u wegghat kbar lill-konvenuta li giet ghalhekk kostretta li ma setghatx tara lil uliedha. Dan certament ma kienx fl-interess tal-minuri u din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha kliem dwar l-istess attagament ta' l-attur (*vide* digriet datat 11 ta' Settembru 2000 mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo). Fuq kollox jidher li l-istess minuri kellhom jiffacjaw din il-problema serja fejn missierhom ghamel minn kollox sabiex jikkonstringihom jaghmlu ghazla bejnu u bejn ommhom, haga li qatt ma' ghandha ssir ma' l-ulied, specjalment bejn koppja separata jew ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni. Fil-fatt apparti dan l-inkwiet

kollu wahda minn ulied il-kontendenti inqabdet tqila u l-konvenuta tallega li kellha anke tifel li gie mpoggi fl-Istitut tal-Creche', tifel li l-konvenuta kienet disposta li tghin fit-trobbija tieghu.

Illi apparti dan l-attur ghamel minn kollox u dak kollu li seta' sabiex ma jmantnix lill-konvenuta u fil-fatt hija giet kostretta tahdem biex tghin ruhha u din hija wkoll forma ta' mohqrija *da parte* ta' l-attur, li b'hekk kompla jaggrava s-sitwazzjoni billi jallega li l-konvenuta kellha jew ghandha bzonn kura psikjatrika. Certament li nkwiet ta' dan it-tip jaffetwa lill persuna li tkun qed tircievi dawn l-azzjonijiet li din il-Qorti ma' tistax ma jsejjahx bhala krudili, anke biss biss bil-mod kif ulied l-istess kontendenti konsistentement baqaw jigu uzati mill-attur f'kull stadju tal-kawza, u fejn l-attur baqa' jinsisti anke li huwa ma jahdimx sabiex ma jigix ikkundannat ihallas l-ebda rata ta' manteniment, dan minkejja l-fatt li jirrizulta car li l-istess attur xi forma ta' xi attivita' kummercjali u ta' introjtu ghandu anke peress li l-fond tal-kumpanija li taghha huwa azzjonist intuza ta' fattura kif jidher a fol. 408 tal-process. Apparti dan jirrizulta li l-istess attur kapaci jahdem u kien qed jahdem u hawn il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' William Pomroy ufficjal fil-Ministeru ghall-Affarajiet Rurali u l-Ambjent fejn jghid li l-attur kien involut almenu ghall-ahhar sentejn mid-data tas-seduta li huwa xehed fiha (26 ta' April 2004 – Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea) fl-operazzjoni tal-Ko-operativa tat-Tjur flimkien ma' certu Geatano Pace, xoghol li l-ko-operativa jidher li kienet qed taghmel minn Haz-Zebbug u minn San Pawl il-Bahar. Dwar dan l-attur jghid li hadem biss bejn Dicembru 2003 u Frar 2004 izda qatt ma thallas xejn u jaghmel ix-xoghol biss b'mod volontarju, xhieda li din il-Qorti thoss li ma hijiex kredibbli u wisq inqas verosimili.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fuq kollox mill-provi rrizulta li l-attur animat b'sens ta' vendikazzjoni u pika kisser in-negozju tal-hanut li martu kienet tiggestixxi, llikwida l-istess negozju minghajr ta l-ebda rendikont lill-konvenuta, u minbarra dan halla d-dejn jikber sabiex jaghmel dannu lill-komunjoni ta' l-akkwisti li l-konvenuta kellha sehem minnha u dan kif fuq inghad u anke kif jidher mid-

dokumenti li gew esebiti mill-konvenuta b'nota tat-3 ta' Lulju 2001 annessa ma' l-affidavit taghha u liema dokumenti huma esebiti bhala Dok. "1" sa Dok. "5" kollox minn fol. 55 sa fol. 99 tal-process fejn fosthom hemm sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 14 ta' Novembru 2000 fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs. B/ G. Catering Equipment Company Limited et"** kontra l-kumpanija imsemmija u l-konvenuti hemm indikati li kollha ammettew it-talbiet attrici ghall-hlas tas-somma ta' Lm12,409.47 u li l-konvenuta kienet ukoll kkundannata thallas bhala garanti solidali u hemm diversi djun ohra kannonizzati anke dwar in-negozju tal-hanut. Hemm ix-xhieda wkoll ta' l-Accountant George Muscat li xehed dwar id-dejn li kellha l-istess kumpanija li fiha l-attur huwa azzjonist u li din kienet ilha ma topera mis-sena 2000. Dan kollu ghandu jizdied ma' dak kollu li gja inghad dwar il-komportament ta' l-attur anke kif dawwar lil uliedu kontra ommhom b'dannu ghal uliedu stess.

Illi dwar l-allegazzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta din il-Qorti thoss li dawn bl-ebda mod ma' gew ippruvati u din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta bl-ebda mod ma' gew ippruvati; anzi din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-attur f'din il-kawza ma' hija bl-ebda mod kredibbli anzi mill-istess kumpless ta' provi jirrizulta u jidher car fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess attur kien deciz li jaqta' r-relazzjoni ma' martu u jippregudikaha b'kull mod possibbli, kemm bhala martu, kemm bhala siehba fin-negozju mieghu u fil-komunjoni ta' l-akkwisti u sahanistra bhala omm ta' uliedu stess. Jidher wkoll li huwa ma kellhux ragunijiet validi fil-ligi sabiex jitlaq mid-dar konjugali, telaq ghaliex ried huwa u jidher li pprefera b'mod attiv lil terzi minn martu u kien deciz li jhalliha ssofri kemm jista' jkun u f'dan il-kuntest ghamel diversi allegazzjonijiet ingurjuzi fil-konfront taghha, li l-ebda wahda minnhom ma' giet fl-opinjoni ta' din il-Qorti ppruvata, anzi din il-Qorti thoss li dan jikkonferma l-ingurji gravi li l-attur ikkometta kontra l-konvenuta anke tul il-proceduri odjerni kollha u dan b'mod mill-iktar krudili u konsistenti.

Illi ghalhekk anke fid-dawl tal-premess din il-Qorti thoss li ghandha tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan li din il-Qorti b’applikazzjoni ta’ **l-artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attur u bl-applikazzjoni wkoll ta’ **l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16** favur il-konvenuta u kontra l-attur u tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod segwenti anke *arbitro boni viri* b’dan li l-konvenuta tigi assenjata l-Flat 4, Dolphin Court, Triq il-Mazzola, Bugibba bil-mobbli kollha ta’ gjo fih u l-garage gja Supermarket li kien jismu ACTC Food Store, Triq is-Sajjied, Bugibba, u dan wkoll *per saldo* ghal kull dritt ta’ manteniment li l-konvenuta ghandha kontra l-attur u wkoll in kumpens tas-sehem taghha mill-istokk u l-makkinarju tal-hanut li l-attur biegh unilateralment u sabiex jaghmel tajjeb ghas-sehem ta’ l-konvenuta mill-art fil-Madliena li hija kienet kostretta tirrilaxxa sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn ma’ l-HSBC u wkoll in sodisfazzjon ghal kull pretensjoni ohra tal-konvenuta kontra l-attur, inkluz ghad-dannni kollha li soffriet minhabba l-agir abbussiv ta’ l-attur fit-tmexxija ta’ l-azjendi kollha li kien involut fihom, u wkoll ta’ kull krediti parafarnali favur taghha, b’dan ghalhekk li sehem ta’ l-attur mill-istess immobbli qed jigi trasferit kollu kemm huwa lill-konvenuta, liberu u frank minn kull dejn gravanti lill-istess komunjoni, b’dan pero’ li l-istess konvenuta tkun responsabbli ghall-hlas tas-servizzi tad-dawl u ilma ta’ l-istess immobbli mid-data ta’ din is-sentenza u wkoll tal-hlas tad-debitu dovut lil Kummissarju tal-Vat indikati fin-nota taghha.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-attur bhala sehmu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-Flat 3, Daffodil Court, Triq is-Sajjieda, Bugibba bil-mobbli ta’ gjo fih u garage fi *private road* li taghti ghall-Triq is-Sajjied li huma uzati mir-ragel stess b’dan pero’ li l-istess attur qed jigi assenjat wkoll id-dejn kollu l-iehor attwalment gravanti l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti inkluz id-dejn kollu indikat fin-nota tal-konvenuta inkluz d-dejn ezistenti ma’ l-Enemalta Corporation, (bl-esklussjoni tad-dejn fuq indikat li gie assenjat lill-konvenuta); qed jigu assenjati wkoll lill-attur l-azzjonijiet kollha tas-socjeta’ BG Catering Limited u l-assi u d-debiti kollha ta’ l-istess inkluzi dawk li jistghu jkunu

ezistenti favur xi banek lokali; tordna wkoll li attur jikkompensa lill-konvenuta f'kaz li l-istess konvenuta tigi kostretta taghmel tajjeb ghal xi dejn tal-komunjoni u/jew tas-socjeta' hawn indikata li permezz ta' din is-sentenza gie assenjat lill-attur, u tordna li l-attur jikkompensa kif inghad lill-konvenuta kull ammont li hija tigi kostretta thallas lil terzi u dan fi zmien 20 gurnata min-notifika lilu mill-konvenuta ta' ittra ufficjali bl-ammont in kwistjoni li hija jkollha dritt tigi bih ikkompensata b'rizultat ta' din is-sentenza.

Illi ghall-korrettezza jinghad li l-valuri ta' l-immobbli fuq indikati minn kif indikati mill-Perit David Pace jridu jigu aggustati ghaz-zmienijiet ta' llum, *stante* li tali stima jidher li saret mal-hames (5) snin ilu.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod kompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba *stante* li wlied il-kontendenti huma llum maggorenni, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss in parte** u biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara separazzjoni personali bejn il-kontendenti b' tort unikament ta' l-attur u dan minhabba lill-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' sevizzi, eccessi, u ingurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment minhabba dan l-agir illegali u abbussiv ta' l-istess attur kif indikat f'din id-decizjoni;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li wlied il-kontendenti huma llum maggorenni;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li wlied il-kontendenti huma llum maggorenni;

4. Tilqa' din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

5. Tilqa' din it-talba b'dan li din il-Qorti b'applikazzjoni ta' **l-artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attur u bl-applikazzjoni wkoll ta' **l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16** favur il-konvenuta u kontra l-attur tillikwida u tiddiviedi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod segwenti anke *arbitro boni viri* b'dan li l-konvenuta tigi assenjata l-Flat 4, Dolphin Court, Triq il-Mazzola, Bugibba bil-mobbli kollha ta' go fih u l-garage go Supermarket li kien jismu ACTC Food Store, Triq is-Sajjied, Bugibba, u dan wkoll *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment li l-konvenuta ghandha kontra l-attur u wkoll in kumpens tas-sehem taghha mill-istokk u l-makkinarju tal-hanut li l-attur biegh unilateralment u sabiex jaghmel tajjeb ghas-sehem ta' l-konvenuta mill-art fil-Madliena li hija kienet kostretta tirrilaxxa sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn ma' l-HSBC u wkoll in sodisfazzjon ghal kull pretensjoni ohra tal-konvenuta kontra l-attur, inkluz ghad-danni kollha li soffriet minhabba l-agir abbussiv ta' l-attur fit-tmexxija ta' l-azjendi kollha li kien involut fihom, u wkoll ta' kull krediti parafarnali favur taghha, b'dan ghalhekk li sehem ta' l-attur mill-istess immobbli qed jigi trasferit kollu kemm huwa lill-konvenuta, liberu u frank minn kull dejn gravanti lill-istess komunjoni, b'dan pero' li l-istess konvenuta tkun responsabbli ghall-hlas tas-servizzi tad-dawl u ilma ta' l-istess immobbli mid-data ta' din is-sentenza u wkoll tal-hlas tad-debiti dovuti lil Kummissarju tal-Vat;

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-attur bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-Flat 3, Daffodil Court, Triq is-Sajjieda, Bugibba bil-mobbli ta' go fih u garage fi *private road* li tghati ghall-Triq is-Sajjied li huma uzati mir-ragel stess b'dan pero' li l-istess attur qed jigi assenjat ukoll id-dejn kollu l-iehor attwalment gravanti l-istess komunjoni ta' l-akkwisti inkluz id-dejn kollu ndikat fin-nota tal-konvenuta inkluz id-dejn ezistenti ma' l-Enemalta Corporation, (bl-esklussjoni tad-dejn fuq indikat li gie assenjat lill-konvenuta nkonnessjoni mal-Vat u d-decizjoni hemm indikata); qed jigu assenjati wkoll lill-attur l-azzjonijiet kollha tas-socjeta' BG Catering Limited u l-assi u d-debiti kollha ta' l-istess inkluzi dawk li jistghu jkunu ezistenti favur xi banek lokali; tordna wkoll li attur

jikkompensa lill-konvenuta, f'kaz li l-istess konvenuta tigi kostretta taghmel tajjeb ghal xi dejn tal-komunjoni u/jew tas-socjeta' hawn indikata li permezz ta' din is-sentenza gie assenjat lill-attur, u tordna li l-attur jikkompensa kif inghad lill-konvenuta kull ammont li hija tigi kostretta thallas lil terzi u dan fi zmien ghoxrin (20) gurnata min-notifika lilu mill-konvenuta ta' ittra ufficjali bl-ammont in kwistjoni li hija jkollha dritt tigi bih ikkompensata b'rizultat ta' din is-sentenza;

6. Tichad din it-talba *stante* li l-**artikoli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ma hemmx lok li jigi applikat kontra l-konvenuta izda biss kontra l-attur kif ser jigi fil-fatt applikat *in vista* tal-kontro-talba tal-konvenuta;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-kontro-talba tal-konvenuta *stante* li wlied il-kontendenti huma llum maggorenni, tilqa' t-talbiet tal-konvenuta fl-istess kontro-talba taghha biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara separazzjoni personali bejn il-kontendenti b' tort unikament ta' l-attur u dan minhabba lill-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' sevizzi, eccessi, u ingurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment minhabba dan l-agir illegali u abbussiv ta' l-istess attur kif indikat f'din id-decizjoni;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li wlied il-kontendenti huma llum maggorenni;

3. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li jigi ddikjarat li l-konvenuta ghandha dritt ta' manteniment kontra l-attur, izda minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti ser tapplika favur l-konvenuta u kontra l-attur id-disposizzjonijiet ta' **l-artikou 54 (6) tal-Kap 16** *per saldo* ghal kull dritt tal-konvenuta ghall-manteniment kontra l-attur u dan kif ser jigi indikat in forza tar-raba' talba ta' din

il-kontro-talba u tal-hames talba tac-citazzjoni attrici gja fuq indikata. Dwar hlas ta' manteniment ghall-minuri mhux il-kaz ghaliex l-istess ulied huma llum maggorenni;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u b'dan li din il-Qorti b'applikazzjoni ta' **l-artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attur u bl-applikazzjoni wkoll ta' **l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16** favur il-konvenuta u kontra l-attur tillikwida u tiddiviedi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod segwenti anke *arbitro boni viri* b'dan li l-konvenuta tigi assenjata l-Flat 4, Dolphin Court, Triq il-Mazzola, Bugibba bil-mobbli kollha ta' go fih u l-garage go Supermarket li kien jismu ACTC Food Store, Triq is-Sajjied, Bugibba, u dan ukoll *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment li l-konvenuta ghandha kontra l-attur u wkoll in kumpens tas-sehem taghha mill-istokk u l-makkinarju tal-hanut li l-attur biegh unilateralment u sabiex jaghmel tajjeb ghas-sehem ta' l-konvenuta mill-art fil-Madliena li hija kienet kostretta tirrilaxxa sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn ma' l-HSBC u wkoll in sodisfazzjon ghal kull pretensjoni ohra tal-konvenuta kontra l-attur, inkluz ghad-danni kollha li soffriet minhabba l-agir abbussiv ta' l-attur fit-tmexxija ta' l-azjendi kollha li kien involut fihom, u wkoll ta' kull krediti parafarnali favur taghha, b'dan ghalhekk li sehem ta' l-attur mill-istess immobbli qed jigi trasferit kollu kemm huwa lill-konvenuta, liberu u frank minn kull dejn gravanti lill-istess komunjoni, b'dan pero' li l-istess konvenuta tkun responsabbli ghall-hlas tas-servizzi tad-dawl u ilma ta' l-istess immobbli mid-data ta' din is-sentenza u wkoll tal-hlas tad-debiti dovuti lil Kummissarju tal-Vat.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-attur bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-Flat 3, Daffodil Court, Triq is-Sajjieda, Bugibba bil-mobbli kollha ta' go fih u garage fi *private road* li taghti ghall-Triq is-Sajjied li huma uzati mir-ragel stess b'dan pero' li l-istess attur qed jigi assenjat ukoll id-dejn kollu l-iehor attwalment gravanti l-istess komunjoni ta' l-akkwisti nkluz id-dejn kollu ndikat fin-nota tal-konvenuta inkluz id-dejn ezistenti ma' l-Enemalta Corporation, (bl-esklussjoni tad-dejn fuq indikat

li gie assenjat lill-konvenuta nkonnessjoni mal-Vat u d-decizjoni hemm indikata); qed jigu assenjati wkoll lill-attur l-azzjonijiet kollha tas-socjeta' BG Catering Limited u l-assi u d-debiti kollha ta' l-istess inkluzi dawk li jistghu jkunu ezistenti favur xi banek lokali; tordna wkoll li attur jikkompensa lill-konvenuta, f'kaz li l-istess konvenuta tigi kostretta taghmel tajjeb ghal xi dejn tal-komunjoni u/jew tas-socjeta' hawn indikata li permezz ta' din is-sentenza gie assenjat lill-attur, u tordna li l-attur jikkompensa kif inghad lill-konvenuta kull ammont li hija tigi kostretta thallas lil terzi u dan fi zmien ghoxrin (20) gurnata min-notifika lilu mill-konvenuta ta' ittra ufficjali bl-ammont in kwistjoni li hija jkollha dritt tigi bih ikkompensata b'rizultat ta' din is-sentenza;

5. Tilqa' din it-talba biss fis-sens kif indikat inforza ta' dak deciz konsegwenti ghall-hames (5) talba tac-citazzjoni attrici u tar-raba' talba tal-kontro-talba tal-konvenuta u konsegwentement tordna lill-konvenut jaderixxi ruhu ma' l-istess;

6. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat id-disposizzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 44 u 48 tal-Kap 16** kontra l-attur u tapplika l-**artikolu 55A tal-Kodici Civili** kontra l-attur in konnessjoni mal-fond Flat 4, Dolphin Court, Triq il-Mazzola, Bugibba li fih tghix il-konvenuta;

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------